**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 23 ta' Gunju 2021**

Rikors Numru: 164/21 AL

AB

u

CD

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu ppremettew:

1. Illi l-partijiet izzewgu nhar it-tmienja (08) ta' Mejju tas-sena elfejn u disgha (2009) fil-Knisja Parrokjali tal-Gharghur, Malta hekk kif evidenzjat mill-anness certifikat tal-Att taz-Zwieg hawn immarkat bhala "Dok DC1";

2. Illi miz-zwieg taghhom kellhom tifel wiehed bl-isem ta' X li twieled nhar is-sebgha (07) ta' Dicembru tas-sena elfejn u ghaxra (2010);

3. Illi b'kuntratt ippubblikat fl-atti tan-Nutar Jonathan Vella LL.D. fil-hdax il-jum ta' Dicembru tas-sena elfejn u tnax (11.12.2012) liema kuntratt qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala 'Dok DC2', il-partijiet bonarjament isseparaw minn xulxin dan kollu wara li gew debitament awtorizzati mill-Qorti ta' Malta b'digriet numru 2082/12 moghti mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja);

4. Illi fi klawsola numru 7(i) l-esponenti obbliga ruhu li jhallas lill-CB l-ammont ta' tliett mitt Ewro (€300) fix-xahar liema manteniment jizdied mal-gholi tal-hajja, bhala manteniment ghal binhom, liema manteniment dejjem thallas fil-hin;

5. Illi r-rekwiziti ghall-pronunzjament tad-divorzju, kif elenkati fl-Artikolu 66 B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, huma sodisfatti stante:

   i. Illi l-partijiet ilhom separati legalment ghal aktar minn erba' snin;

   ii. Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet li, llum il-gurnata, qeghdin jghixu hajja totalment separata minn xulxin;

   iii. Illi ai termini tal-klawzola bin-numru hamsa (5) tal-fuq imsemmi kuntratt ta' separazzjoni hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. DC 2', il-partijiet irrinunzjaw mid-dritt li jitolbu u jircievu manteniment minghand xulxin;

   iv. Illi fir-rigward tal-minuri ma hemmx kwistjonijiet dwar manteniment;

6. Illi dan kollu huwa dikjarat u konfermat mill-partijiet rispettivament permezz ta' Affidavits hawn annessi u mmarkati Dok DC3 u DC4.

7. ILLI ghall-finijiet tal-Artikolu 66 N (l)(a) u (b) qieghed jigi rilevat li l-partijiet huma domiciljati f'Malta u ghandhom ir-residenza taghhom f' Malta;

Talbu lil din il-Qorti sabiex:

1. Tippronunzja 1-hall ta' iwieg tat-tmienja (08) ta' Mejju tas-sena elfejn u disgha (2009) fil-Knisja Parrokjali tal-Gharghur, Malta;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju u l-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku;

U dan taht dawk il-provvedimenti kollha li dina il-Qorti jidrilha xierqa u opportuni

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tal-4 ta' Mejju, 2021;

Rat l-affidavits taż-żewġ rikorrenti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvaw illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-11 ta' Dicembru 2012;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.